**Kunsill Lokali –ISLA– Local Council**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA

## ID-DISA’ LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 20

15 **ta’ Settembru 2020**

Il-Kunsilli Lokali Isla ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2/4, Triq San Ġużepp L-Isla, ISL1229, fil- 5:30pm.

**PREŻENTI:**

Clive Pulis - Sindku
Anthony Bonavia - Viċi Sindku
Joline Attard - Kunsilliera
Malcolm Gatt - Kunsillier
Corinne Buhagiar - Kunsillier

**ASSENTI B’APOLOĠIJA ( Skont Ordni Permanenti 14A (3) ):**

NIL

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 20 għad-disa' leġislatura

<table>
<tr><td>20.1</td><td>Qari tal-ittri ta' apoloġiji</td></tr>
<tr><td></td><td>Ma kienx hemm.</td></tr>
<tr><td>20.2</td><td>Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti</td></tr>
<tr><td>20.2.1</td><td>Kopja tal-Minuti tas-seduta numru 19 tqassmet lill-kunsilliera permezz ta' imejl u s-segretarju eżekuttiv infurmat lil kunsilliera li min irrid kopja stampata jinforma lis-segretarju eżekuttiv u tistampalu kopja. Il-minuti mhux qed jiġu stampati għall kull kunsilliera sabiex il-kunsill lokali tal-Isla jieħu ħsieb aktar l-ambjent. Il-Kunsilliera qablu dwar dan.</td></tr>
<tr><td>20.2.2</td><td>Il-Kunsilliera preżenti irċievew il-minuti tas-Seduta Numru 19, fejn ma kienx hemm korrezzjoni. Il-Minuti numru 19 ġew approvati mil-kunsillier Malcolm Gatt u ġew issekondti mill Kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar.</td></tr>
<tr><td>20.3</td><td>Kommunikazzjoni mis-Sindku</td></tr>
<tr><td>20.03.01</td><td>Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li Tender tal-Urban Greening Project lest kemm tinħareġ it-tender fuq l-EPPS.<br>Dawn id-dati huma kif ser tiġi tidher l-applikazzjoni fuq l-EPPS
<table>
<tr><th colspan="2">Below Threshold (eur 135,000)</th></tr>
<tr><td>Days Publication</td><td>21</td></tr>
<tr><td>Request for Clarifications</td><td>13</td></tr>
<tr><td>Reply of Clarifications</td><td>8</td></tr>
<tr><td>Projected Publication Date</td><td>15/09/2020</td></tr>
</table>
<table>
<tr><th>Details</th><th>Day</th><th>Date</th></tr>
<tr><td>Publication Date</td><td>Tuesday</td><td>15/09/2020</td></tr>
<tr><td>Request for Clarifications</td><td>Wednesday</td><td>23/09/2020</td></tr>
<tr><td>Reply of Clarifications</td><td>Monday</td><td>28/09/2020</td></tr>
<tr><td>Tender Submission Deadline</td><td>Tuesday</td><td>06/10/2020</td></tr>
<tr><td>Tender Publication Duration</td><td>21</td><td>days</td></tr>
</table>
</td></tr>
</table>

| | |
|---|---|
| 20.03.02 | Is-Sindku ikkomunka mal-kunsilliera preżenti dwar tindif ta' culvertis li sar fil-Pjazza 4 ta' Settembru , Triq is-Sur fejn l-Iskola u quddiem ir-redentur u Triq l-Oratorju. |
| 20.03.03 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li s-sindku kien preżenti għal Jum Il-Birgu. |
| 20.03.04 | Is- Sindku informa lil kunsilliera li inbeda x-xogħol mill-WSC fi Triq San Lawrenz minnħabba l-problema tad-dranaġġ li kien hemm. |
| 20.03.05 | Is-Sindku informa lil-kunsilliera dwar ittra min Transport Malta minnħabba żewġ parkeġġ ta' resvered parking fi Triq iż-Żewġ Mini sabiex jitneħħew għax mhux jintużaw. |
| 20.03.06 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera dwar ix-xogħol fil-grawnd tal-futbol li dan ix-xogħol għandu jkun lest lejn l-aħħar tax-xahar. Ser tiġi ordnata n-nett tas- saqaf li l-prezz ta' din in-net hija ta' €500 u l-lasti €1,000. Il-Kunsilliera preżenti qablu dwar dan. |
| 20.03.07 | Is-Sindku ikkomunika mal- Kunsilliera , rigward il-qabda tal-ħamiem li ser ikollna laqgħa nhar it-tlieta li gej sabiex naraw jekk dan il-ħammiem qiegħedx jinqabad. |
| 20.03.08 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li sar rapport mal-MTIP minnħabba z-zuntier li għandu problema fejn ġie l-perit u ser jieħu ħsieb il-każ mal-knisja u jitkellmu mal-kunsill kif ser jibqgħu. |
| 20.03.09 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera dwar laqgħa li kellu mad-diettur is-Sur Olivier Pleaque ta' Snop House u d-diretturi tal-maċina fejn ser jagħmlu xi wirja ta' arti, storja u kultura u jixtiequ li jikollaboraw mal-kunsill sabiex issir fuljett u jagħmel il-logo tal-kunsill. Is-sehem tal-kunsill huwa ta' €150 għall-ispejjeż tal-fuljett għall din l-attivita sabiex il-lokalita' tal-Isla tkun aktar magħrufa dwar il-wirt storiku tal-lokal kemm għall-Maltin stess kif ukoll għall-barranin li jiġu jżuru din il-belt. Il-Kunsilliera qablu dwar dan il-fuljett.<br>. |
| 20.03.10 | Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-sindku infurmat lil kunsilliera dwar talba għall żieda għat-toqob għall-arbli tal-festa li l-kwotazzjoni tagħhom telgħat għall 10 toqob tal-arbli għall €2006 bil-VAT inkluż. Il-Kunsilliera qablu li jsiru dawk it-toqob li kien hemm oriġinarjament għalhekk għandhom isiru 6 toqob u mhux 10. |
| 20.03.11 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera b' ilment sabiex issir tabella li hemm slip way fejn ir-Regatta Club għalhekk ser issir talba mat- TM sabiex issir din it-tabella li hemm slip way fejn itellgħu id-dgħajjes sabiex il-karozzi joqgħodu attenti li jkun hemm irmunkar tad-dagħajjes. |

| | |
|---|---|
| 20.03.12 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera preżenti lis ser issir *Dinner Meeting* mal-Partners tal-proġett *Once Upon a Time* fir-Rabat Wigna Court fit 22 ta' Set fit-8.pm. Il-Kunsill ser iħallas l-akkomodazzjoni mill fondi tal-Ewropa ta dawn il-partners ġewwa M'Xlokk kif hemm imniżżżel fl-iskeda ta' pagamenti.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat ukoll li l-kunsill ser japplika sabiex inkunu partners f' Network of Towns bit-tema li l-istudenti jimplimentaw lġi u jaħdmu viċin il-Ministri. |
| 20.03.13 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-kunsill kien applika għal-kors għall-barranin sabiex jitgħalmu l-lingwa mal-LIFE LONG LEARNING . LLC0005 - English MQF1 - Thursdays 9:00 - 12:00 iżda ħadd ma applika għall dan il-kors. |
| 20.03.14 | Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet l-imejl li l-kunsill irċieva minn għand id-diretturi tal-AVEC fejn bagħtu lil kunsill invit sabiex jattendu ghal-laqgħa tal-bord għad-diretturi ġewwa – Evora – Lisbon – fil- 21-23 t' Ottubru 2020 pero – Din tista tiġi onlajn jekk jitilghu aktar każijiet tal-COVID 19, il-kunsill ser jiġi infurmat aktar il-quddiem. |
| 20.03.15 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera preżenti dwar il-pagament tax-Xogħol tal-Pjazza fejn ser jinħareġġ it-tieni pagament fejn ġie ċ-ċertifkat mill-perit. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat ukoll lil kunsilliera dwar il-Fanali tal-pjazza li hemm preżentament li skont il-perit ma jaqbilx li jiġu trasferiti fil-Play Area u l-perit issuġġerixa li jsiru Flood Lights imqabda mal- bozza tal-gvern. |
| 20.03.16 | Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet din l-iskema SPI.SCI.3.2020.Finanzjament ta' Proġetti Kapitali. Aċċessibilita' u Mobilita' għall-attenzjoni tal-kunsilliera<br><br>Kriterji ta' Evalwazzjoni<br>4.1 Proġetti għal żieda fl-aċċessibilita' f'postijiet pubbliċi 30%<br>4.2 Proġetti għal żieda fil-mobilita' skont il-ħtiġijiet tal-komunita' 30%<br>4.3 Aċċessibilita' digitali 20%<br>4.4 Disseminazzjoni ta' informazzjoni b'diversi metodi u lingwi skont il-bżonnijiet ta' l-Lokalita' 20% 5.<br><br>Linji Gwida<br><br>5.1 Eżempji ta' proġetti li jistgħu jiġu ffinanzjati minn dan il-fond: • Provediment ta' trasport intra-komunitarju preferibilment ta' l-elettriku għar-residenti bi bżonnijiet speċjali u dawk vulnerabbli • Aċċessibilità adekwata f'postijiet pubbliċi li jistgħu jinkludu lifts, spazji għas-siġġijiet tar-roti, rampi eċċ • Proġetti u provediment ta' apparat li jħeġġu attivitajiet rikrejattivi, fiżiċi |

| | |
|---|---|
| | u sportivi għal dawk l-individwi vulnerabbli u dawk bi bżonnijiet speċjali • Provediment u manutenżjoni ta' apparat u faċilitajiet oħra speċifiċi f'żoni pubbliċi li jinkoraġixxu l-mobilita', nkluż żoni ġo housing estates li jaqgħu taħt ir-responsabbilita' tal-Kunsilli Lokali<br><br>Il-viċi sindku s-sur Anthony Bonavia issuġġerixa li għandha ssir rampa għall-quddiem il-letrina tax-xatt minħabba bżonnijiet ta' aċċesibilita għall-użu ta' din il-letrina għal-persuni bi bżonijiet speċjali.<br><br>Il-Kunsilliera Corinne Buhagiar issuġġeriet li hemm bżonn li jsir lift / chair lift fis-sala tal-kunsill għall meta jsiru attivitajiet ġewwa din is-sala u bankijiet li jistgħu jintużaw minn persuni li jużaw is-siġġijiet tar-roti. Is-Sindku informa lil kunsilliera li jekk dawn il-bankijiet ma jsirux minn din l-iskem issiru minn sekema oħra jew issir wieħed fl-open gym.<br><br>Is-Sindku ħa nota ta dawn is-suġġerimenti. |
| 20.03.17 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera li inġabet kwotazzjoni sabiex jinkesa il-ħajt ta fejn l-open gym, din il-kwotazjoni hija ta €900 mingħajr VAT. Il-Kunsilliera iddiskutew bejnithom x'jista jsir bħala tpinġija jew disinn għal ma dan il-ħajt ta' l-Open Gym. It-Tpinġija kienet ser issir madwar €4000 għalhekk ser ikellmu lil Promo Signs sabiex jagħmel kwotazzjoni ta' disinn fuq kanvas. |
| 20.03.18 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li iffumika l-uffiċini tal-kunsill minħabba saħħa u sigurta.  Dwar iżamma u l-għeluq tal-Ġnien il-Gardjola qed ikollna żewġ persuni li jieħdu ħsieb mill-kumpanjija Bad Boys. Il-Kunsilliera qablu dwar dan. |
| **20.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| **20.4.1** | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Guzepp<br>Isla<br><br>Jien Anthony Bonavia nixtieq inressaq dawn il-mistoqsijiet għall attenzjoni tas-sindku u tas- segretarju eżekuttiv :<br><br>Il-Kunsill jista' jordna maskli għall uffiċċju tal-kunsill u għall-kunsilliera bl-arma tal-Kunsill?<br><br>Is-sindku ressaq din il-proposta mal-kunsilliera preżenti f'din is-seduta u qablu ma din l-ordni ta' maskli.<br>Il-Kunsill tal-Isla kif baqa' dwar is-servizz ta trasport għall-anzjani ? |

| | |
|---|---|
| | Is-Sindku iddiskuta li l-kunsill ħa sehem fil-kompetizzjoni tal-Mobility Week għal dan is-servizz. |
| **20.4.2** | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Guzepp<br>Isla<br><br>Jien Joline Attard nixtieq inressaq dawn il-mistoqsijiet għall attenzjoni tas-sindku u tas- segretarju eżekuttiv :<br><br>Jista l-kunsill japplika għall premju Anzjan Attiv għal din is-sena ?<br><br>Is-Sindku irrisponda li jekk irridu jinnominaw lil xi ħadd javviċinaw il-kunsill sabiex japplika.<br><br>Jista l-kunsill japplika għall charger station oħra?<br><br>Is-Sindku s-Sur Clive Pulis issuġġerixa li ssir waħda l-ponta fejn il-grawnd fuq suġġeriment tal-kunsillier Malcolm Gatt. |
| **20.5** | **Rapporti** |
| **20.5.1** | Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda rapport tal-*Purchase Order u Petty Cash* għax-xahar ta' Awissu 2020 fejn ġew approvati mill-kunsillier Malcolm Gatt u s-sekondat mil-kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar. |
| **20.6** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |
| 20.6.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill skeda ta' pagamenti, skeda Nru 9/ 2020 għall-approvazzjoni. |
| 20.6.2 | Fuq mozzjoni tal-Kunsilliera is-Sur Anthony Bonavia issekondata mill-kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar approvaw il-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' pagamenti li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti. |
| **20.07** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 20.07.1 | Is-Seduta ntemmet fis-7:00p.m.wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 27 t' Ottubru 2020 fil-5:30p.m |

Konfermati, illum 27 t' Ottubru 2020

IFFIRMATA
Clive Pulis
Sindku

IFFIRMATA
Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv